MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2013

Numru 858/2005

Il-Pulizija
(Spettur Gabriel Micallef)
vs
Michael Chircop

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta numru ta' identita' 501161m, akkuzat:

1. f'dawn il-Gzejjer fil-lejl bejn il-25 u 26 ta' Settembru 2005 f'xi hin bejn it-8.00pm u nofs il-lejl gewwa Triq Ruggero Loria, San Pawl il-Bahar, bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta' serq aggravat bil-lok, mezz u hin mill-fond 'St Paul's Flats no 2', Triq Ruggero Loria, San Pawl il-Bahar, Qawra, liema delett ma kienx ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;
2. fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsarat fuq il-bieb ta' dan l-imsemmi flat, liema hsara ma teccedix il-mitt lira;

3. fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi ikkommetta serq ta’ kartiera l-valur ta’ liema ma teccedix il-hamsin lira ghad-dannu ta’ Clint Bonnici, liema serq hu aggravat bil-hin u bil-lok;
4. sar recidiv b’diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi u ma jisghux jigu mibdula;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;
Semghet ix-xhieda;
Rat l-atti u d-dokumenti kollha;
Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:
L-imputat hu mixli b’attentat ta’ serq aggravat bil-lok, mezz u hin, b’ serq aggravat bil-hin u lok, bi hsara volontarja u recidiva. Huma prospettati fil-konfront tal-appartament numru 2 f’korp ta’ appartamenti jismu ‘St Paul’s Flats’, Triq Ruggero Loria, San Pawl il-Bahar, ghad-dannu ta’ Clint Bonnici. Mill-provi prodotti quddiem il-Qorti jirrisulta li l-appartament in kwistjoni huwa b’kirja ghand l-imsemmi Bonnici li fil-25 ta’ Settembru 2005 fil-hin li kien fl-appartament tal-gharusa tieghu, faccjata ghal tieghu fl-istess korp, innota l-bieb tal-appartament tieghu miftuh u mar jindaga. Hemm sab lill-imputat b’kartiera tieghu f’idejh. Ix-xhieda tieghu hija tali li waheda hi sufficienti ghall-konvicju tal-imputat. L-imputat xehed wkoll izda din ix-xhieda tieghu mank tista’ titqies verosimili. Hija fuq kollox kontradetta minn sid-l-istess korp ta’ appartamenti li kontra dak allegat mill-imputat cahad li qatt ghadda cavetta lill-imputat in konnessjoni ma’ xi kirja mifthema proprju fuq dan l-appartament jew xi appartament iehor tal-imsemmi korp. Dwar hsara dan ix-xhud stqarr li investigha hu u sab li kienet fil-bieb tal-appartament tal-imsemmi Bonnici konsistenti fis-serratura u x-xambrella li tkisru. Il-hsara ha hsieb isewwiha hu u materjalment kienet inqas minn Lm10.

Inghad dan u billi fil-fehma tal-Qorti l-imputazzjonijiet kollha, kompriza dik tar-recidiva, jinsabu sodisfacjentement pruvati, ssibu ghaldaqstant hati

taghhom. Rat l-Artikolu 41(1)(a), 261(b)(e)(f), 264(1), 269(g), 271, 278(3), 17(b)(h), 31, 49 u 50. Madanakollu u billi l-kawza hadet z-zmien biex tigi konkluza u deciza u billi l-Qorti mhux tal-fehma li l-imputat ghandu jigi ikkundannat ghall-habs effettiv. Qrghdha tapplika kontra tieghu l-Artikolu 7 tal-Kap 446 billi tpoggih taht ordni ta' probation ghall-tlett snin mill-lum.

Spiegat lill-imputat ir-resposabiltajiet tieghu minn dina s-sentenza.

A.M.Trigona
Magistrat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------